MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Numru 59/2000

Il- Pulizija
(Supretendent Lawrence Cutajar,
Spettur Walter Spiteri)

Vs

Anthony Attard

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Anthony Attard ta' 40 sena bin Santo u Carmena mitwielda Pace mwieled Pieta' u joqghod 34, Triq Santa Katerina, Qrendi, I. D. Card No: 631063(m).

Talli fid- 29 ta' Marzu 2000 ghall- habta tas- 1.45 p.m. ghalkemm detenur tal- licenzja Kategorija B dahal gewwa l- kumpless tal- Fabbrika tan- nar ta' Lourdes tal- Qrendi li tinsab f' Wied il- Hofra, l/o Qrendi u

dan minghajr il- licenzja Kategorija A mahruga mill Kummissarju tal- Pulizija (Ara Sec. 6 LN 243/1998).

Akkuzat ukoll talli fl- istess data, lok u hin immanifattura, hazen, garr jew haraq xi xoghol tan- nar li fih tahlita ta' klorat tal- potassa u kubrit (Ara Sec 8 (a) LN 943/1998).

Fid- 29 ta' Marzu 2000 ghall- habta tas- 2.00 p.m. sehhet spluzzjoni mal- hajt ta' barra ta' Lourdes Fireworks Factory. Mar wara nofsinhar. Sab lil Philip Borg u f' xi hin ra lil Jason Farrugia. Kien qed jinkolla "xi fethiet tas- sitt pulzieri. Sema tfaqqiegha ghall- habta tas- 2.00p.m., telaq jigri u sehhet spluzzjoni. Jaf dwar it- tahlita tal- bomba, "li din tikkonsisti f' klorat tal- potassa u aluminium. Sa fejn naf jien ma jintuzax kubrit f' din it- tahlita."

Ghalhekk jirrizulta li l- akkuzat ghandu licenzja B dahal gol- kumpless tal- fabbrika meta ma kien hemm hadd li kellu licenzja A. Ma jirrizultax li mmanifattura jew ghamel xi haga ohra u ghalhekk min din l- akkuza qed jigi liberat.

Il- Qorti rat l- art 6 (2) ta' l- Avviz Legali 243 tal- 1998, kif amendat bl- avviz legali 266 ta' l- 1988, 122 u 123 ta' l- 1999 (rega gie amendat darbtejn fl- 2001 imma dan il- kaz gara fid- 29 ta' Marzu 2000) maghmul taht il- Kap 33 tal- Ligijiet ta' Malta, issib lill- akkuzat hati taht l- imsemmi art. 6 (2) u tikkundannah mitt lira Maltija (Lm 100) multa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------